



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

2011/2148(INI)

14.9.2011

EMENDI 1 - 23

Abbozz ta' opinjoni
Artur Zasada
(PE469.889v01-00)

Lejn strateġija tal-ispazju tal-Unjoni Ewropea għas-servizz taċ-ċittadini
(COM(2011)0152 – 2011/2148(INI))

AM_Com_NonLegOpinion

Emenda 1
Rolandas Paksas

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1

Abbozz ta' opinjoni

1. Iqis li hemm bżonn ta' strateġija tal-ispazju tal-Unjoni Ewropea biex tiżgura li t-teknoloġija spazjali tikkontribwixxi b'mod sħiħ għal ġestjoni tat-traffiku iktar sikura u effiċjenti u l-kontroll tat-traffiku fil-modi kollha tat-trasport;

Emenda

1. Iqis li hemm bżonn ta' strateġija tal-ispazju tal-Unjoni Ewropea biex tiżgura li t-teknoloġija spazjali tikkontribwixxi b'mod sħiħ għal ġestjoni tat-traffiku iktar sikura u effiċjenti u l-kontroll tat-traffiku fil-modi kollha tat-trasport; ***jirrimarka li l-istatus internazzjonali tal-Ewropa fis-settur spazjali qiegħed jonqos, li mhux qed jiġi sfruttat il-potenzjal tal-esplorazzjoni tal-ispazju f'termini tal-innovazzjoni, u li l-kompetittività qiegħda tintilef;***

Or. It

Emenda 2
Eva Lichtenberger

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1 a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

1a. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiggarrantixxu t-trasparenza fil-finanzjament u l-kooperazzjoni bejn l-istrateġiji tal-użu militari u ċivili tal-ispazju;

Or. en

Emenda 3
Jacqueline Foster

**Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1 a (ġdid)**

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

1a. Jenfasizza l-ħtieġa ta' fehim akbar tad-dipendenzi fuq l-ispazju ta' setturi essenzjali, u jinkuraġġixxi lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jippromwovu l-importanza tal-ispazju;

Or. en

**Emenda 4
Eva Lichtenberger**

**Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 2**

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

2. Ifakkar li s-settur tat-trasport għandu rwol ċentrali biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020 u li ma jistax jinkiseb tkabbir sostenibbli mingħajr settur tat-trasport effiċjenti.

2. Ifakkar li s-settur tat-trasport għandu rwol ċentrali biex jintlaħqu ***l-oġġettivi tal-emissjonijiet tad-CO₂ u tal-konsum tal-enerġija 'UE 20-20-20' kif ukoll*** l-oġġettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020 u li ma jistax jinkiseb tkabbir sostenibbli mingħajr settur tat-trasport effiċjenti,

Or. en

**Emenda 5
Juozas Imbrasas**

**Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 2**

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

2. ***Ifakkar*** li s-settur tat-trasport għandu rwol ċentrali biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020 u li ma jistax jinkiseb tkabbir sostenibbli mingħajr settur

2. ***Jirrimarka li s-servizzi li l-industrija spazjali tforni lis-settur pubbliku u lill-pubbliku inġenerali jsaħħu l-effikaċja tal-amministrazzjoni pubblika u jtejbu l-***

tat-trasport effiċjenti.

kwalià tal-ħajja tan-nies; jenfasizza li s-settur tat-trasport għandu rwol ċentrali biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020 u li ma jistax jinkiseb tkabbir sostenibbli mingħajr settur tat-trasport effiċjenti.

Or. It

Emenda 6 Juozas Imbrasas

Abbozz ta' opinjoni Paragrafu 3

Abbozz ta' opinjoni

3. Jinnota li sal-lum is-seba' Kunsilli "Spazju" għamlu referenza inċidentali waħda biss għat-trasport fl-Ewropa u ma ngħatatx kunsiderazzjoni dettaljata lis-sinifikat tal-politika spazjali għat-trasport fid-deliberazzjonijiet tal-Kunsill "Spazju" kif rifless fil-konklużjonijiet tax-xogħlijiet *tagħha*;

Emenda

3. Jinnota li sal-lum is-seba' Kunsilli "Spazju" għamlu referenza inċidentali waħda biss għat-trasport fl-Ewropa u ma ngħatatx kunsiderazzjoni dettaljata lis-sinifikat tal-politika spazjali għat-trasport fid-deliberazzjonijiet tal-Kunsill "Spazju" kif rifless fil-konklużjonijiet tax-xogħlijiet *tiegħu; jiġbed l-attenzjoni għall-prospettivi kważi infiniti għall-iżvilupp ta' attivitajiet spazjali u għall-fatt li huma xprunatur sinifikanti għal ekonomija li tikber*;

Or. It

Emenda 7 Andreas Mølzer

Abbozz ta' opinjoni Paragrafu 4

Abbozz ta' opinjoni

4. Jenfasizza li Galileo u EGNOS huma strumentali fil-ħolqien ta' Ajru Uniku Ewropew u għall-iżvilupp ulterjuri tal-ġestjoni sikura u kosteffikaċi tat-traffiku tal-ajru fl-Ewropa u għaldaqstant jitlob

Emenda

4. Jenfasizza li Galileo u EGNOS huma strumentali fil-ħolqien ta' Ajru Uniku Ewropew u għall-iżvilupp ulterjuri tal-ġestjoni sikura u kosteffikaċi tat-traffiku tal-ajru fl-Ewropa u għaldaqstant jitlob *li*

biex jitwaqqaf kalendarju ambizzjuż u rigoruż **flimkien ma'** finanzjament stabbli għall-implimentazzjoni taż-żewġ programmi bħala prekondizzjoni għal tnedija f'waqtha tal-Ajru Uniku Ewropew, b'dan tal-aħħar ikun pass strateġiku indispensabbli lejn it-titjib tal-integrazzjoni Ewropea u t-tishiġ tas-suq komuni *Ewropew*;

jitwaqqaf kalendarju ambizzjuż u rigoruż **u li jiġu involuti investituri privati biex jiġi żgurat li jkun hemm** finanzjament stabbli għall-implimentazzjoni taż-żewġ programmi bħala prekondizzjoni għal tnedija f'waqtha tal-Ajru Uniku Ewropew, b'dan tal-aħħar ikun pass strateġiku indispensabbli lejn it-titjib tal-integrazzjoni Ewropea u t-tishiġ tas-suq komuni *Ewropew*;

Or. de

Emenda 8 **Silvia-Adriana Țicău**

Abbozz ta' opinjoni **Paragrafu 4**

Abbozz ta' opinjoni

4. Jenfasizza li Galileo u EGNOS huma strumentali fil-ħolqien ta' Ajru Uniku Ewropew u għall-iżvilupp ulterjuri tal-geostjoni sikura u kosteffikaċi tat-traffiku tal-ajru fl-Ewropa u għaldaqstant jitlob *biex* jitwaqqaf kalendarju ambizzjuż u rigoruż flimkien ma' finanzjament stabbli **għall-implimentazzjoni taż-żewġ** programmi bħala prekondizzjoni għal tnedija f'waqtha tal-Ajru Uniku Ewropew, b'dan tal-aħħar ikun pass strateġiku indispensabbli lejn it-titjib tal-integrazzjoni Ewropea u t-tishiġ tas-suq komuni *Ewropew*;

Emenda

4. Jenfasizza li Galileo u EGNOS huma strumentali fil-ħolqien ta' Ajru Uniku Ewropew u għall-iżvilupp ulterjuri tal-geostjoni sikura u kosteffikaċi tat-traffiku tal-ajru fl-Ewropa u għaldaqstant jitlob *biex* jitwaqqaf kalendarju ambizzjuż u rigoruż flimkien ma' finanzjament stabbli **għar-riċerka u l-innovazzjoni li jiżguraw li jkun hemm progress teknoloġiku u t-tkabbir tal-kapaċità industrijali, u wkoll għall-faċilitazzjoni tal-aċċess tal-SMEs għall-finanzjament, bil-ħsieb li jiġu implimentati ż-żewġ** programmi bħala prekondizzjoni għal tnedija f'waqtha tal-Ajru Uniku Ewropew, b'dan tal-aħħar ikun pass strateġiku indispensabbli lejn it-titjib tal-integrazzjoni Ewropea u t-tishiġ tas-suq komuni *Ewropew*;

Or. ro

Emenda 9 **Silvia-Adriana Țicău**

**Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4 a (ġdid)**

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

4a. Jiġbed l-attenzjoni għall-importanza li l-EGNOS tkopri l-UE kollha, sabiex jissaħħaħ is-suq uniku tal-avjazzjoni, u jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm espansjoni f'dik is-sistema lejn in-Nofsinhar, il-Lvant u x-Xlokk tal-Ewropa;

Or. ro

**Emenda 10
Silvia-Adriana Țicău**

**Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 5 a (ġdid)**

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

5a. Iqis li l-promozzjoni tal-użu tal-EGNOS u tal-Galileo fl-avjazzjoni ċivili hija rekwiżit strateġiku għall-implimentazzjoni tas-SESAR, speċjalment fir-rigward tal-użu tagħha għall-proċeduri ta' nżul u f'ajruporti żgħar;

Or. ro

**Emenda 11
Artur Zasada**

**Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 6**

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

6. Ifakkar fir-rilevanza tal-programm GMES għall-iżvilupp sostenibbli tat-trasport u tas-sigurtà tat-trasport,

6. Ifakkar fir-rilevanza tal-programm GMES għall-iżvilupp sostenibbli tat-trasport u tas-sigurtà tat-trasport,

speċjalment fil-kuntest tat-trasport marittimu u tas-sorveljanza marittima;

speċjalment fil-kuntest tat-trasport marittimu u tas-sorveljanza marittima **u jqiis importanti li jiġi żgurati li jkun hemm finanzjament kontinwu tal-UE għall-programm GMES, partikularment fid-dawl tal-proposta reċenti li jiġi ffinanzjat 'il barra mill-Qafas Finanzjarju Multiannwali tal-UE li jmiss;**

Or. en

Emenda 12
Antonio Cancian

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 6

Abbozz ta' opinjoni

6. Ifakkar fir-rilevanza tal-programm GMES għall-iżvilupp sostenibbli tat-trasport u tas-sigurtà tat-trasport, speċjalment fil-kuntest tat-trasport marittimu u tas-sorveljanza marittima;

Emenda

6. Ifakkar fir-rilevanza tal-programm GMES għall-iżvilupp sostenibbli tat-trasport u tas-sigurtà tat-trasport, speċjalment fil-kuntest tat-trasport marittimu u tas-sorveljanza marittima **u jemmen li l-Unjoni Ewropea trid tkompli jkollha rwol attiv fil-finanzjament u fl-iżvilupp ta' dak il-programm, filwaqt li tidentifika wkoll strumenti finanzjarji innovattivi u tirrikorri għall-bonds tal-proġetti;**

Or. it

Emenda 13
Christine De Veyrac, Michel Dantin

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 6

Abbozz ta' opinjoni

6. Ifakkar fir-rilevanza tal-programm GMES għall-iżvilupp sostenibbli tat-trasport u tas-sigurtà tat-trasport,

Emenda

6. Ifakkar fir-rilevanza tal-programm GMES għall-iżvilupp sostenibbli tat-trasport u tas-sigurtà tat-trasport,

speċjalment fil-kuntest tat-trasport marittimu u tas-sorveljanza marittima;

speċjalment fil-kuntest tat-trasport marittimu u tas-sorveljanza marittima; ***u jenfasizza l-hteġa li, fil-Qafas Finanzjarju Multiannwali 2014-2020, jinżamm il-finanzjament tal-programm;***

Or. fr

Emenda 14
Silvia-Adriana Țicău

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 6

Abbozz ta' opinjoni

6. Ifakkar fir-rilevanza tal-programm GMES għall-iżvilupp sostenibbli tat-trasport u tas-sigurtà tat-trasport, speċjalment fil-kuntest tat-trasport marittimu u tas-sorveljanza marittima;

Emenda

6. Ifakkar fir-rilevanza tal-programm GMES għall-iżvilupp sostenibbli tat-trasport u tas-sigurtà tat-trasport, speċjalment fil-kuntest tat-trasport marittimu u tas-sorveljanza marittima; ***jiddeplora l-fatt li l-GMES ma jagħmilx aktar parti mill-Qafas Finanzjarju Multiannwali, u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jidentifikaw mezzi li jkomplu jiffinanzjaw is-sistemi GMES wara l-2013;***

Or. ro

Emenda 15
Rolandas Paksas

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 6

Abbozz ta' opinjoni

6. Ifakkar fir-rilevanza tal-programm GMES għall-iżvilupp sostenibbli tat-trasport u tas-sigurtà tat-trasport, speċjalment fil-kuntest tat-trasport marittimu u tas-sorveljanza marittima;

Emenda

6. Ifakkar fir-rilevanza tal-programm GMES għall-iżvilupp sostenibbli tat-trasport u tas-sigurtà tat-trasport, speċjalment fil-kuntest tat-trasport marittimu u tas-sorveljanza marittima; ***iqis li s-sħab fir-reġjuni ġirien għandhom***

jitħeġġew jipparteċipaw fil-programm GMES billi jiġu involuti fl-istrategġija Ewropea għall-protezzjoni u s-sigurtà terrestri u marittima;

Or. lt

Emenda 16
Eva Lichtenberger

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 6 a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

6a. Jenfasizza li s-sorveljanza tat-trasport ta' prodotti perikolużi u li jniġġsu għandha tkun prijorità fis-sistemi ta' osservazzjoni u navigazzjoni bbażati fuq is-satelliti;

Or. en

Emenda 17
Zigmantas Balčytis

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 6 a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

6a. Jappella biex jiġu ggarantiti l-finanzjament, l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-vijabilità ta' applikazzjonijiet u servizzi innovattivi tat-trasport ibbażati fuq it-teknoloġija spazjali, bil-għan li jittieħed l-akbar benefiċċju mill-investiment Ewropew fil-potenzjal teknoloġiku tal-ispazju u biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-utenti u tal-pubbliku ġenerali;

Or. lt

Emenda 18
Christine De Veyrac

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 6 a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

6a. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-Ewropa teħtieġ iżżomm aċċess indipendenti għall-ispazju sabiex tkun tista' tilħaq l-għanijiet tal-politika spazjali tagħha u sabiex tieħu benefiċċji dejjiema mill-applikazzjonijiet spazjali f'oqsma bħall-politika tat-trasport; għaldaqstant jinkuraġġixxi lill-Kummissjoni tressaq proposti konkreti għas-sottosettur strateġiku tal-vetturi lanċaturi, filwaqt li tingħata attenzjoni partikulari għalih fil-politika industrijali spazjali proposta;

Or. fr

Emenda 19
Andreas Mölzer

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 7

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

7. Jenfasizza fuq l-importanza tal-involviment Ewropew biex tiġi żgurata s-sigurtà fl-ispazju permezz tas-Sistema Ewropea għall-Għarfien tas-Sitwazzjoni fl-Ispazju kif ukoll fl-esplorazzjoni spazjali permezz tal-Istazzjon Spazjali Internazzjonali, peress li t-tnejn li huma, huma u jiproteġu l-infrastruttura spazjali kritika tal-Ewropa mir-riskju ta' kollizzjoni mal-inġenji spazjali jew mal-iskart spazjali u t-teknoloġija residwa li tirriżulta mill-esplorazzjoni spazjali, jistgħu jkunu ta' benefiċċju għas-setturi tat-trasport fid-

7. Jenfasizza fuq l-importanza tal-involviment Ewropew, **abbażi tal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas**, biex tiġi żgurata s-sigurtà fl-ispazju – **li jinkludi li ċ-Ċina ma titħallix tittestja armamenti kontra s-satelliti** – permezz tas-Sistema Ewropea għall-Għarfien tas-Sitwazzjoni fl-Ispazju kif ukoll fl-esplorazzjoni spazjali permezz tal-Istazzjon Spazjali Internazzjonali, peress li t-tnejn li huma, huma u jiproteġu l-infrastruttura spazjali kritika tal-Ewropa mir-riskju ta' kollizzjoni mal-inġenji spazjali jew mal-iskart spazjali

Dinja, speċjalment l-avjazzjoni.

u t-teknoloġija residwa li tirriżulta mill-esplorazzjoni spazjali, jistgħu jkunu ta' benefiċċju għas-setturi tat-trasport fid-Dinja, speċjalment l-avjazzjoni.

Or. de

Emenda 20
Dominique Riquet

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 7 a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

7a. Jirrimarka li, fil-politiki spazjali, il-kwistjoni tal-vetturi lanċaturi għandha dimensjoni speċifika rilevanti għat-trasport u jenfasizza l-ħtieġa ta' impuls ġdid Ewropew f'dan is-suġġett, fid-dawl tas-sitwazzjoni ekonomika kritika tas-settur tal-vetturi lanċaturi madwar id-dinja.

Or. fr

Emenda 21
Jacqueline Foster

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 7 a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

7a. Jistieden lill-Istati Membri jikkonfermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom għall-proġetti spazjali tal-UE, bħas-SESAR, li se tkun ta' importanza vitali għat-tkabbir fil-futur u għall-impjiegi fil-ġejjieni f'diversi setturi.

Or. en

Emenda 22
Rolandas Paksas

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 7 a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

7a. Iqis li l-UE għandha tkun minn ta' quddiem fis-settur spazjali, u tkompli jkollha rwol strateġiku sinifikanti fuq l-isfera internazzjonali, u għaldaqstant jappella għall-iżvilupp tal-kapaċità ta' koordinament tagħha fil-qasam tal-esplorazzjoni spazjali, u għal appoġġ addizzjonali għar-riċerka u għall-iżvilupp tat-teknoloġija, bil-għan li l-Ewropa tkun aktar indipendenti teknoloġikament u tiżgura li l-membri tal-pubbliku u s-setturi tal-ekonomija barra mill-industrija spazjali jibbenefikaw ukoll mill-innovazzjoni f'dan il-qasam.

Or. lt

Emenda 23
Silvia-Adriana Țicău

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 7 a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

7a. Jenfasizza l-importanza li tissaħħaħ il-kooperazzjoni industrijali ma' pajjiżi terzi fil-qasam tal-politika spazjali, u speċjalment mal-Istati Uniti, mal-Ġappun, mar-Russja, maċ-Ċina, mal-Indja, mal-Brażil, mal-Arġentina u maċ-Ċili, u mal-pajjiżi tal-Afrika u tal-Lvant Nofsani.

Or. ro